MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2006

Numru. 56/2004

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 325(b) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**ANTHONY CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY CAMILLERI** ta' erbgha w erbghin sena bin Carmel u Rita nee Cini, imwieled

Zebbug, Ghawdex nhar l-hamsa ta' Ottubru 1960 u residenti 'Sunset' Triq l-Kanun, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 56460G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-Zebbug, Ghawdex, f'zewg okkazzjonijiet separati u cioe fit-tlettax ta' Dicembru 2004 u fil-lejl ta' bejn il-hmistax w is-sittax ta' Dicembru 2004, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Francis Tabone.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-diversi dokumenti esibiti fosthom l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Mejju 2005 [fol 60] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbatax ta' Lulju 2005 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fol 63].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Lulju 2006, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu [fol 81].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti qiset ai fini ta' l-piena l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH 1 [fol 10] minn fejn jirrizulta li ghandu hames *convictions* registrati fuqha kollha, salv u b'eccezzjni ghal wahda, li jidhru li huma reati u kontavenzjonijiet ta' portata zghira li jikkoncernaw ksur

ta' paci pubblika, kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u xi reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, meta gie kkundannat ihallas diversi multi u probation. Illi pero fis-sena 1999 kien instab hati li kkaguna sfregju fuq wicc individwu w inghata probation. Illi jidher li meta l-imputat inghata probation, ma tghallimx jusufruwixxi ruhu minn din l-opportunita moghtija lilu ghaliex rega' kiser dufrejh mal-ligi w in vista tal-istess, il-Qorti ma thossx li ghanda taghti probation ohra.

Illi pero minn naha l-ohra, il-Qorti qiset l-fatt li l-kwerelat Francis Tabone thallas ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tieghu kif verbalizzat fis-seduta tas-sitta ta' Lulju 2006 u li l-istess Francis Tabone m'ghandux interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri, ghalkemm l-imputat dam sena w nofs sabiex jirregola ruhu u jaghmel tajjeb ghal ispejjes kagjonati minnu.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lil imputat ANTHONY CAMILLERI hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt [100] lira maltin.**

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez tal-periti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti <u>tordna lil imputat Anthony Camilleri</u> jhallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-AIC Valerio Schembri [fol 53] fl-ammont ta' mija erbgha w ghoxrin lira maltin u disgha w erbghin centezmu [LM124.49] <u>fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mid-Direttur tal-Qorti</u>.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------